# "L-artal ta` San Ġużepp fil-knisja ta` San Pawl Ħal-Safi"



**Mario Fenech**

L-artal tal-kappellun tan-naħa tal-lemin tal-knisja parrokkjali ta` San Pawl huwa ddedikat lil San Ġużepp . Il-knisja ġiet maqtugħa mill-matriċi ta` bir-miftuħ mill-Isqof Mons. Tommaso gargallo fid-29 ta` Mejju 1591,u flimkien mar-raħal tal-imqabba bdiet tagħmel mal-parroċċa ta` Ħal Kirkop.

Dak iż-żmien il-knisja kienet waħda żgħira, kellha artal wieħed u nieqsa minn ħafna bżonnijiet.Fis-sena 1574 ġiet imkabbra u żdiedu l-artali.L-istess Isqof Gargallo imbagħad waqqaf il-knisja ta` Ħal-Safi bħala parroċċa f`Novembru tas-sena 1598. Bejn is-sena 1726 u s-sena 1740, il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid bil-ħidma tal-kappillan Dun Giuseppe Caruana.Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mons. Vincenzo labini nhar l-10 ta` Ottubru 1784.

Wieħed mit-tmien artali li fiha din il-knisja huwa ddedikat lil San Ġużepp  u qiegħed fil-kappellun tal-lemin.Jissemma' fir-rapport tal-vista pastorali tas-sena 1747 kwadru ta` San Ġużepp  li kien hemm imdendel mal-ħajt fuq dan l-artal.Dan il-kwadru li fih hemm ix-xena tal-mewt ta` San Ġużepp  għadu fuq l-artal sal-lum.

Qabel ma saret din il-vista pastorali,fis-sena 1730, il-koppja Lorenzo u Ġanna Chircop li kienu miż-żurrieq ħallew legat biex tkun tista'

ssir il-festa ta` San Ġużepp kull sena.

Fil-kwadru l-artist mhux magħruf pinġa lil San Ġużepp  fuq is-sodda tal-mewt tiegħu.fuq in-naħa tal-lemin il-madonna b`wiċċ imnikket qiegħda timsaħ demgħa b`maktur abjad id-dmugħ minn ma' wiċċha. Fuq in-naħa l-oħra tat-tila ġesù għarkubbtejh qiegħed isabbar lil ommu marija fil-waqt li qiegħed iwennes lil missier putattiv tiegħu.Wara s-sodda ta` San Ġużepp , anġlu qiegħed iżomm f`idejh ġilju abjad simbolu tas-safa ta` San Ġużepp .Anġlu ieħor quddiem is-sodda qiegħed iżomm f`idu valloppa kbira li tfakkarna fix-xogħol ta` San Ġużepp .

Numru ta` puttini qegħdin fil-parti ta` fuq ta` din ix-xena qegħdin juru t-triq lejn is-sema lil dan il-qaddis kbir patrijarka padrun tal-knisja universali. Waqt il-jiem tal-festa fuq dan l-artal jintramaw sett gandlieri tal-metall u sett vażuni tal-metall ukoll bil-fjuretti tal-ganutell fihom.

Sabiħ huwa l-vintartal indurat bid-deheb u bit-tilar irrakkmat bl-isem ta` San Ġużepp  fin-nofs tintrama wkoll terħa sabiħa bir-rakkmu bil-ħajt tad-deheb. Artal sabiħ iddedikat lil San Ġużepp  f`din il-knisja ta` San Pawl f`Ħal-Safi.

